

Barra dan, ir-rikorrenti tiddikjara li d-Deċiżjoni kkontestata tinjora l-eżistenza tad-drittijiet tagħha u toħloq sistema li permezz tagħha d-dritt tagħha li tuża l-ispektrum ta' frekwenza ta' 2 GHz huwa miksur. Ir-rikorrenti tallega wkoll li d-Deċiżjoni tikkomprometti ħafna l-investimenti kunsiderevoli magħmula s'issa, u tisforzaha tipparteċipa fis-sejħa għal offerti fuq il-livell tal-UE fil-waqt li tinterferixxi fl-eżerċizzju ta' kuljum tal-attivitajiet tagħha.

Barra dan, ir-rikorrenti tallega li billi adottat id-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni aġixxiet b'mod sproporzjonat u diskriminatorju, b'mod kuntrarju għall-aspettattivi leġittimi tagħha. Ir-rikorrenti tqis, fil-fatt, li bi ksur tad-drittijiet tagħha u/jew tal-aspettattivi leġittimi tagħha, id-Deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-premessa li l-ispektrum kollu ta' frekwenza ta' 2 GHz huwa kompletament attribwibbli, billi din tipprevedi l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' MSS bl-għan li tiġi użata l-medda kollha ta' frekwenzi eżistenti fl-ispektrum ta' frekwenza ta' 2 GHz.

Fl-aħħar, ir-rikorrenti tiddikjara li d-Deċiżjoni kkontestata tikser id-drittijiet tagħha għat-tgawdija fil-paċi tal-benefiċċji mogħtija lis-sistema ICO-P minħabba rikonoxximent tar-reġistrazzjoni mill-UIT fil-Master International Frequency Register (reġistru internazzjonali tal-frekwenzi) miżmum mill-UIT, u drittijiet ta' proprjetà oħra simili, bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-dritt internazzjonali.

(¹) ĠU 2008 L 172, p. 15.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2008 — Coverpla vs UASI- Heinz-Glas (Trade marks jew Disinni)

(Kawża T-450/08)

(2009/C 6/69)

Lingwa tar-rikors: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Coverpla (Nice, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u M. Chaminade, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti(jiet) oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Heinz-Glas GmbH (Kleintettau, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tas-7 ta' Lulju 2008, każ R 1411/2007-3, safejn din ċaħdet ir-rikors tar-

rikorrenti u kkunsidrat il-mudell Komunitarju "Tour" Nru 29178-0002 bħala invalidu.

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark jew disinn Komunitarju rreġistrat li huwa s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: Trade mark jew disinn Komunitarju Nru 29178-0002 għal "fliexken"

Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Heinz-Glas GmbH

Trade mark jew disinn tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: Fliexkun mhux irreġistrat imsemmi "Empire" bin-numru ta' riferenza F 3990

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark jew disinn Komunitarju

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Ċaħda tar-rikors

Motivi invokati: It-trade mark jew disinn Komunitarju għandu tabilħaqq il-karattru ġdid meħtieġ; id-dokumenti ppreżentati minn Heinz-Glas GmbH sabiex tippprova li hija kienet ħarġet fil-pubbliku mudell ta' fliexkun identiku li kien preċedenti għat-trade mark jew disinn Komunitarju m'għandhomx saħħa probatorja.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2008 — DHL Aviation u DHL Hub Leipzig GmbH vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-452/08)

(2009/C 6/70)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: DHL Aviation NV (Zaventem, il-Belġju) u DHL Hub Leipzig GmbH (Schkeuditz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Burnside, Solicitor u B. van de Walle de Ghelcke, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn din tidentifika lir-rikorrenti bħala l-benefiċjarji ta' għajjnuna mill-Istat li hija kkunsidrata inkompatibbli mas-suq komuni, u safejn id-deċiżjoni tordna lill-Ġermanja tirkupra l-allegata għajjnuna mill-Istat, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jfittxu li jiksbu l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2008 fil-Każ C 48/2006 (ex N 227/2006) — Il-Ġermanja, sa fejn hija tidentifika lir-rikorrenti bħala l-benefiċjarji tal-ghajjnuna mill-Istat li hija kkunsidrata inkompatibbli mas-suq komuni u sa fejn id-deċiżjoni tordna lill-Ġermanja tirkupra l-allegata ghajjnuna mill-Istat.

Fil-5 ta' April 2006, il-Ġermanja nnotifikat il-miżuri adottati mill-Ajruport pubbliku ta' Leipzig u mil-Land tas-Sassonia dwar il-konstruzzjoni u l-operat tar-runway ġdida tan-Nofsinhar tal-Ajruport ta' Leipzig, dwar; b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-Bażi Ewropea tal-grupp DHL fl-imsemmi ajruport għall-attivitajiet tagħha tal-kunsinna espressa ta' pakki. Il-miżuri notifikati kienu, speċifikament, il-“Ftehim qafas”⁽¹⁾ konkluż bejn l-ajruport u DHL Hub Leipzig kif ukoll “ittra ta' intenzjoni” maħruġa mil-Land tas-Sassonia favur l-Ajruport ta' Leipzig u DHL Hub Leipzig sabiex iħallas ammont stabbilit ta' danni fil-każ li DHL Hub Leipzig ma tibqax topera fl-ajruport kif previst. Ir-rikorrenti jsostnu li bħala konsegwenza tad-deċiżjoni kkontestata, huma ġew miċħuda mill-obbligi kuntrattwali tal-Ajruport ta' Leipzig u tal-Mitteldeutsche Flughafen (“MFAG”) taħt il-Ftehim qafas kif ukoll mill-garanzija mogħtija mill-ittra ta' intenzjoni u huma ġew suġġettati għall-irkupru tal-allegata ghajjnuna mill-Istat.

Ir-rikorrenti jqajmu s-segwent motivi:

Fl-ewwel u t-tieni motivi tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE. Skont ir-rikorrenti, billi kklassifikat il-“klawżola tat-titjiriet ta' billejl” u l-“klawżola tad-90 %” bħala ghajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni naqset milli tapplika b'mod korrett id-dispożizzjoni msemmija. Ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni wettqet żball manifest fl-applikazzjoni tat-test tal-investitur privat meta sostniet li l-punt ta' referenza għaliha kien November 2004 u mhux id-data attwali tal-konklużjoni tal-Ftehim qafas. Barra minn hekk, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni żbaljat manifestament meta sostniet li, indipendentement mill-punt ta' referenza għad-deċiżjoni ta' investment, l-hekk imsejħa garanziji illimitati pprovduti fil-Ftehim qafas fi kwalunkwe każ jammontaw għal ghajjnuna mill-Istat, peress li riskji li DHL assumiet taħt dawn id-dispożizzjonijiet kienu ffinanzjati permezz ta' għotjiet ta' kapital li fihom infushom kienu jammontaw għal ghajjnuna mill-Istat.

Fuq il-bażi tat-tieni motiv tagħhom, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tapplika korrettement l-Artikolu 87(1) KE, billi ddeċidiet li l-ittra ta' intenzjoni tammonta għal ghajjnuna mill-Istat mingħajr ma kkunsidrat il-prattika normali tan-negozju bejn kumpanniji holding u kumpanniji sussidjarji.

Fit-tielet motiv tagħhom, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 253 KE billi ma kkunsidratx il-fatturi kollha rilevanti meta kklassifikat il-klawżola tat-titjiriet ta' billejl, il-klawżola tad-90 % u l-ittra ta' intenzjoni bħala ghajjnuna mill-Istat.

Fir-raba' motiv tagħhom, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ordnat l-irkupru tal-allegata ghajjnuna mill-Istat.

Fil-ħames motiv tagħhom, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 235 KE billi ddeċidiet li l-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim qafas jikkontjenu l-allegata ghajjnuna mill-Istat u billi ddeċidiet li daww id-dispożizzjonijiet mhumiex kompatibbli mas-suq komuni u b'hekk għandhom jiġu mħassra.

⁽¹⁾ Skont il-komunikazzjoni ppublikata fil-ĠU 2007 C 48, p. 7, dan il-ftehim jimponi fuq l-ajruport, l-obbligu li jibni r-runway ġdida tan-Nofsinhar u obbligi oħra ftermini ta' kapaċità u operat. Fkaż ta' inosservanza ta' obbligi (eż jekk titjiriet ta' billejl jiġu pprobiti mill-awtoritajiet regolatorji), DHL tista' titlob kumpens għat-telf ta' qligħ u għad-danni.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2008 — Wilfer vs UASI [il-parti ta' fuq (“headstock”) ta' kitarra]

(Kawża T-458/08)

(2009/C 6/71)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Hans-Peter Wilfer (Markneukirchen, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Kockläuner, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Lulju 2008, fil-Każ R 78/2007-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva li tirrappreżenta l-parti ta' fuq (“headstock”) ta' kitarra, bil-kuluri fidda, griż u kannella mitluba għal prodotti fil-klassijiet 9 u 15 (Nru 2 639 821)

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud